# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Dicembru, 2019.**

**Numru 17**

**Rikors numru 1319/10 AE**

**Yordan Shterev**

**v.**

**Vassallo Builders Group Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' Yordan Shterev tal-21 ta' Dicembru, 2010, li permezz tieghu nghad li:

"1. Illi nhar il-Gimgha 6 ta' Marzu 2009 l-attur waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala "steel fixer" mas-Socjeta` intimata wegga' gravament f'saqajh il-leminija u f'dahru meta kien jahdem fuq il-post tax-xoghol f'Tigne' Point, Sliema.

"2. Illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar is-sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti tas-Socjeta` intimata.

"3. Illi l-attur sofra danni ngenti b'rizultat ta' l-istess incident, komprizi d-danni naxxenti minn dizabilita` fizika permanenti li giet kawzata b'konsegwenza ta' dan l-incident.

"4. Illi l-istanti nterpella lis-Socjeta` intimata biex tersaq ghall-likwidazzjoni bonarja u hlas ta' danni izda din baqghet inadempjenti.

"Ghaldaqstant tghid is-Socjeta` intimata ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-Socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident tas-6 ta' Marzu 2009 fuq riferit u dana minhabba negligenza, traskuragni, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti dwar is-sigurta` tax-xoghol da parti taghha.

"2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur b'rizultat ta' dan l-incident, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.

"3. Tikkundana lis-Socjeta` intimata thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

"Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Awwissu 2010 u bl-interessi legali kontra s-Socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Vassallo Builders Limited tal-4 ta' Frar, 2011, li permezz taghha gie eccepit illi:

"1. Illi **preliminarjament** is-socjeta` esponenti mhix legittima kontradittrici tar-rikorrent stante li ma kinitx hi li kienet timpjega lill-istess, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghaldaqstant,is-socjeta` esponenti ma tistax tigi kkundannata sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent.

"2. Illi, **minghajr pregudizzju ghall-permess u fil-mertu**, l-ewwel talba tar-rikorrent in kwantu diretta kontra s-socjeta` esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrent u dan peress illi l-istess socjeta` intimata mhix responsabbli ghall-incident *de quo*.

"3. Illi t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ghalhekk tig rigettata stante li ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-istess rikorrent. Fi kwalunkwe kaz u **minghajr pregudizzju ghall-premess**, l-entita` tad-dani pretizi mir-rikorrent huwa kontestat u ghaldaqstant l-istess ghandu jaghmel il-prova tad-danni skont il-ligi.

"4. Illi t-tielet talba tar-rikorrent ghandha wkoll tkun michuda peress illi s-socjeta` esponenti m'ghandhiex tigi kostretta thallas ebda danni lill-istess rikorrent.

"5. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Ottubru, 2014, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet:-

"1. Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta hi responsabbli ghall-incident, b'dan li r-responsabbilta taghha qieghed jigi stabbilit fi grad ta' sittin fil-mija (60%).

"2. Tillikwida d-danni dovuti mis-socjeta konvenuta fis-somma ta' sittax-il elf sitt mija u tnejn u tletin ewro (€16,632).

"3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' sittax-il elf sitt mija u tnejn u tletin ewro (€16,632), bl-imghax mil-lum.

L-attur jaghmel tajjeb ghal 40% tal-ispejjez gudizzjarji filwaqt li l-konvenuta taghmel tajjeb ghal 60%."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-kaz jitratta dwar incident li sehh fis-6 ta' Marzu 2009 fil-post tax-xoghol fejn l-attur kien jahdem. 'Il fatti huma:-

"1. Fid-9 ta' Frar 2009 l-attur beda jahdem mal-kumpannija konvenuta bhala Steel Fixer. Kellu paga ta' €250.40 fil-gimgha.

"2. Fis-6 ta' Marzu 2009 kien qieghed jahdem mal-kollega tieghu Dimitar Grigorov. Waqt li l-attur kien tiela' sellum, zelaq minn tahtu u spicca waqa' u wegga'.

"3. Fid-data tal-incident l-attur kellu 35 sena (mid-dokument a fol. 28 jirrizulta li twieled fil-31 ta' Dicembru 1973).

"Konsiderazzjonijiet.

"1. L-attur xehed li waqt li kien tiela' sellum minn livell ghall-iehor:

"*When I was nearly practically up there at the top I felt the ladder slip away from the slippery ground because of the rain and dust, and the ladder lost its grip on the top level, and as a result I fell very heavily about four and a half metres down on the ground level coming down on my back in between the concrete and the rock*" (fol. 27).

"L-istess verzjoni ta siehbu Dimitar Grigorov li dakinhar kien qieghed jahdem mieghu (fol. 29). In kontro-ezami l-attur xehed li s-sellum kien gholi xi 2.5 metri (fol. 59).

"Reno Vassallo, Works Manager tal-kumpannija konvenuta, xehed li meta mar fil-post fejn sehh l-incident "…. *rajt sellum ta' puntata, jigifieri ta' metru u nofs meta uza sellum ta' xi 3 metri u nofs jew 4 metri u kien fuq zewg briksiet tad-9. Ix-xoghol mhux suppost isir hekk*" (fol. 65F). Mistoqsi ghalfejn ikunu ntuzaw bricks bhala bazi fejn tpoggi s-sellum qal: "….. *flok marru jgiebu sellum li ghandhom bzonn ta' 4 metri qabdu sellum li kellhom ma' genbhom, ghamluh fuq il-bricks u dak is-sellum mar lura u gie fuq rkuptejh*" (fol. 65F). In kontro-ezami xehed: "…..*jien x'hin gew qaluli bl-incident inzilt isfel u insib li l-haddiem flok uza s-sellum proprja ta' 'l fuq minn 4 metri bhala tul, uza s-sellum tal-metru u nofs u ghamlu fuq 3 filati bricks biex jaghmlu bhala targa biex ilahhaq fuqu u x'hin gie biex jitla' ghal fuq il-livell, il-bricks mar bih u b'hekk is-sellum ceda u waqa' ghal mal-art u hemm hekk wegga' rkuptejh*" (fol. 121).

"Silvio Fenech, haddiem iehor, xehed li meta mar fil-post fejn sehh l-incident ra s-sellum fuq il-bricks (fol. 112B). Fl-ahhar tad-deposizzjoni qal li meta nqaleb is-sellum, wahda mis-saqajn tas-sellum baqghet fuq il-brick (fol. 112E). Madankollu Reno Vassallo xehed: "*Nghid jiena x'hin inzilt is-sellum kien mindud mal-art*" (fol. 121).

"2. Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

"(a) M'hemmx prova li fil-qiegh tas-sellum kien hemm "*slip resistant pads*". Is-sellum ma kienx marbut minn fuq u/jew mill-qiegh ma' xi ankra sabiex ma jizloqx. Dan iktar u iktar meqjus li s-sellum kien qieghed fuq scaffolding (ara kontro-ezami tal-attur, fol. 59). Hu d-dmir tal-principal li jhares is-sahha u s-sigurta tal-impjegati tieghu.

"(b) Ma saritx prova li s-sellum li ntuza kien jiflah u adattat ghall-piz tal-attur. L-ghodda lill-impjegati tipprovdihom il-konvenuta, u ghandha dmir li tizgura li l-ghodda li tintuza hi indoneja ghal kull wiehed mill-impjegati. Skond ir-rapport mediku ta' Mr Frederick Zammit Maempel l-attur gie deskritt bhala ragel "*overweight; weighing 159kg and stands 176cm tall*" (fol. 19). M'hemmx dubju li

mhux kull sellum hu adattat ghall-persuna b'dak il-piz. Hu evidenti li l-konvenuta ma ghamlet l-ebda evalwazzjoni ta' dan.

"(c) Li kieku Dimitar Grigorov, il-kollega tal-attur, kellu wahda minn saqajh mal-qiegh tas-sellum[1], is-sellum ma kienx jizloq minn taht l-attur. L-attur gie mistoqsi: "*I am being asked whether I asked him to hold the ladder for me. What I can say is that what Dimitri told me was that he was not holding the ladder but when he saw that I was slipping, he tried to hold the ladder but he did not manage*" (fol. 59). Ghall-qorti dan ifisser li, qabel l-attur tela' fuq is-sellum, ma qalx lil siehbu biex izommlu s-sellum. Fil-fehma tal-qorti l-ghaqal kien jitlob li qabel l-attur rifes fuq is-sellum ighid lill-kollega tieghu Grigorov sabiex izommlu s-sellum u jizgura li jibqa' jzommu sakemm jitla' fuq. L-art kienet imxarrba peress li kienet ix-xita. Ladarba s-sellum ma kienx marbut ma' xi ankra u iktar u iktar meqjus li s-sellum ma kienx fuq l-art izda tavluni mpoggiha fuq scaffolding, l-attur messu kien iktar attent u ha hsieb tieghu nnifsu. Il-qorti ma temminx li ma kienx hemm bizzejjed spazju li jippermetti lil Dimitar Grigorov izomm is-sellum. Skond l-Artikolu 7(1) tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol (Kap.424): "*Huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta' tieghu nnifsu* ……".

"(d) Il-konvenuta ghamlet hafna enfazi fuq 'il fatt li l-attur ghazel sellum gholi ta' 1.5 metri u poggieh fuq bricks sabiex ikun jista' jitla' fl-gholi fejn kellu jsir ix-xoghol. Dwar dan inghataw verzjonijiet konfliggenti. Wara li l-qorti rat l-atti m'hijiex f'posizzjoni tikkonkludi li l-verzjoni li taw ix-xhieda tal-konvenuta hi l-verita, u dan meta tqies li:-

> "(i) Reno Vassallo l-ewwel qal li kien hemm zewg bricks u mbaghad tlieta jew erba' bricks li fuqhom tpogga s-sellum. Minn dan hu evidenti l-istat ta' incertezza fil-verzjoni li ta x-xhud.
>
> "(ii) Silvio Fenech u Paul Cachia, xhieda li ressqet il-konvenuta, qalu li raw wahda mis-saqajn tas-sellum fuq il-bricks. Min-naha l-ohra Reno Vassallo qal: "*Nghid jiena x'hin inzilt is-sellum kien mindud mal-art. Nghid li s-sellum kien isfel fejn waqa' Shterev*" (fol. 121). Dan apparti li l-qorti ma tistax tifhem kif bil-mod kif sehh l-incident, wahda mis-saqajn tas-sellum setghet qatt tibqa' fuq il-bricks li allegatament tpoggew tahtu.
>
> "(iii) Kemm jekk kien hemm tnejn jew tlett bricks taht sellum gholi 1.5 metri, ma kienx ser jilhaq l-gholi li riedu jitilghu l-attur u Grigorov. Silvio Fenech xehed: "*Qed nigi mistoqsi f'dan il-kaz partikolari kemm kien l-gholi mit-tavlun sa fejn ried jaqbad is-sellum, nghid li qiesu zewg metri u nofs bejn wiehed u iehor*" (fol. 112). Il-qorti ma tarax kif b'sellum gholi ta' 1.5 metri u zewg bricks tahtu, bil-piz tal-attur qatt seta' jitla' fl-gholi fejn kellu jahdem.

[1] Hekk xehed Dimitar Grigorov.

Sahansitra Paul Cachia, xhud tal-konvenuta, qal li s-sellum li wza l-attur kellu "*xi 4 jew 5 skaluni*" (fol. 124). Ma tarax kif l-attur seta' qatt jaghmel uzu minn sellum bhal dan sabiex jitla' dak l-gholi. Il-qorti ma temminx li s-sellum li waqa' minn fuqu l-attur kien gholi 1.5 metri. Lanqas mhi konvinta li tpoggew bricks taht is-sellum. F'kull kaz il-qorti lanqas ma temmen li jekk ikun hemm 4 bricks fuq xulxin l-gholi ser ikun "*qrib ta' metru*" (Reno Vassallo, fol. 124). Ghaldaqstant ir-riferenza ghar-Regolament 15 tar-Regolament dwar is-Sigurta' tal-Bini (L.S. 424.06) m'hijiex flokha[2]. Il-qorti tosserva wkoll kif Reno Vassallo xehed li l-attur kellu bzonn juza sellum ta' 4 metri (fol. 65F). Pero' mid-dokument li hu stess ipprezenta (Dok. RV7, fol. 72)[3] ma jirrizultax li l-kumpannija konvenuta xtrat slielem ta' dak l-gholi.

"3. Meqjus dak li nghad hawn fuq il-qorti hi tal-fehma li z-zewg partijiet huma responsabbli ghall-incident. Min-naha wahda l-kumpannija konvenuta naqset milli tipprovdi ambjent sigur ta' xoghol, filwaqt li l-attur qabel beda jitla' s-sellum naqas milli jiehu prekawzjonijiet fl-interess tas-sahha u sigurta tieghu. F'dan ir-rigward il-kumpannija konvenuta ser tinzamm responsabbli ghal 60% filwaqt li l-attur ghal 40%.

"4. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ta ragunijiet ghalfejn jemmen li l-konvenuta hi responsabbli ghall-incident. F'dan ir-rigward, dwar uhud minnhom, il-qorti tosserva:-

"(a) Pressjoni ta' xoghol – kienet x'kienet is-sitwazzjoni l-qorti ma temminx li l-pressjoni ta' xoghol kellha x'taqsam mal-incident in ezami.

"(b) Jimpjegaw nies mhux kapaci fix-xoghol taghhom – m'hemmx prova ta' dan u l-incident m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dan l-argument.

"(c) Jahdmu fix-xita – m'hemmx prova li fil-hin li sehh l-incident kienet nizla kwantita ta' xita li ma tippermettiex lill-attur li jitla' sellum. Ovvjament ix-xita tfisser li kellu joqghod iktar attent f'dak li qieghed jaghmel.

"(d) L-impjegati kellhom jitilghu f'gholi bla lqugh ta' xejn – l-incident sehh meta l-attur kien ghadu tiela' sellum li fi kliemu zelaq minn tahtu. Ghalhekk l-ilqugh m'ghandu x'jaqsam xejn. L-istess jinghad fir-rigward tal-kumment li ghamel l-attur li *"…. l-harness bdew jaghtuhom biss wara l-incident ta' l-attur*". L-attur ma kienx qieghed jahdem fuq sellum, izda sempliciment jitla' minn sular ghall-iehor.

"5. Il-qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni:

[2] Paragrafu 3 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.
[3] Vassallo xehed: "Ser nipprezenta wkoll Dok. RV7 li jindika ricevuti tas-slielem li kont ordnajt qabel. Dawn is-slielem… kienu mahdumin minn mastrudaxxa professjonali" (fol. 65E).

"Salarju ta' €250 fil-gimgha;

"Multiplier ta' 22 sena. Hawnhekk ninsabu fil-kamp ta' incertezza peress li qeghdin isiru kalkoli fuq il-futur;

"Tnaqqis ghal lump sum payment – Fil-21 ta' Dicembru 2010 l-attur ipprezenta l-kawza. It-tnaqqis ghandu jkun ta' 16%;

"Rata ta' debilita – il-perit mediku Charles Grixti[4] esprima l-fehma li l-attur qieghed isofri minn dizabilita' permanenti ta' "*15% (hmistax fil-mija) izda ladarba jaghmel l-operazzjoni jekk din tkun success dan jista' jinzel ghal 5% (hamsa fil-mija)".* Spjega kif bil-waqa' l-attur sofra griehi f'daharu u rkobtu*; "Biex jevita aktar ugiegh f'daharu jrid jevita li jitbaxxa minn daharu w minflok idealment jinzel ghall-irkoptu. Dan huwa difficli biex isehh minhabba d-degenerazzjoni fl-irkoppa u l-instabilita' tal-irkoppa l-leminija kagun tal-ligament krucjat li huwa mcarrat. Il-piz tieghu ma jghinux. Ladarba dan il-ligament jigi [rikostruwit] b'operazzjoni b'success, l-irkoppa l-leminija terga tirkupra l-istabilita taghha. Dan qatt mhu mija fil-mija*" (fol. 106). Hawn ukoll qeghdin fil-kamp tal-incertezza ghaliex mhux maghruf jekk l-operazzjoni hijiex ser tirnexxi. Fir-rapport jinghad ukoll li l-attur qieghed fuq waiting list sabiex issirlu operazzjoni. L-attur gie ezaminat ukoll minn Mr Frederick Zammit Maempel, espert ex parte, li ccertifika li qieghed isofri minn debilita' ta' 10%; "*This may reduce following successful surgery on the knee"* (fol. 20). Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq rata ta' debilita' ta' **10%** gialdarba m'huwiex maghruf x'ser ikun l-ezitu tal-operazzjoni.

"L-attur jippretendi wkoll li fil-qliegh tigi nkluza s-somma ta' €9,750 fis-sena ghal sahra. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

> "(a) Is-sahra m'huwiex garantit u jinhadem skond il-htiega tal-principal;
>
> "(b) Meta sehh l-incident l-attur kien ilu xahar fl-impjieg u ghalhekk il-qorti m'hijiex f'posizzjoni li tipprevedi li kien ser jibqa' jahdem dak l-ammont ta' sahra.
>
> "(c) M'hemmx prova li l-attur m'ghadux kapaci li jahdem. Fl-affidavit l-attur xehed li kien tkecca mix-xoghol, izda "*This prompted me to take industrial action against them before the Industrial Tribunal, and as a result of this Vassallo Builders Group Limited re-admitted me*" (paragrafu 7). Fir-realta' dak li qieghed jigri f'dan il-kaz, kif jigri f'hafna kazijiet ta' din ix-xorta, hu li l-attur qieghed jinghata kumpens ghall-griehi li sofra f'persuntu u li huma ta' natura permanenti.

"Ghalhekk mhux ser tigi nkluza cifra ghas-sahra.

[4] In-nomina tieghu saret permezz ta' digriet tat-8 ta' Frar 2011 (fol. 24).

"Ghaldaqstant id-danni huma:-

"€15,000[5] x 22 sena = €330,000 x 10% = €33,000 – 16% = €27,720."

Rat ir-rikors tal-appell ta' Yordan Shterev li permezz tieghu talab ir-riforma tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-8 ta' Ottubru, 2014, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tigi kkonfermata in kwantu ddikjarat lis-socjeta` intimata appellata responsabbli ghall-incident, izda thassarha, tirrevokha u tannulha f'dawk il-partijiet l-ohra billi taddebita r-responsabbilta` kollha ghas-sinistru unikament lill-istess socjeta` konvenuta u tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' €107,374.67 jew dik is-somma verjuri aktar jew anqas, attwalment dovuta fil-kaz in dizamina u b'hekk tilqa' l-aggravji u t-talbiet tal-attur appellant, bl-imghax legali mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellata.

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta Vassallo Builders Group Limited, li permezz taghha tissottometti li l-gravami u d-diversi interpretazzjonijiet guridici tal-appellant Yordan Shterev ma jisthoqqilhomx jircievu favur u ghaldaqstant ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-appellant.

---

[5] Hu minnu li skond il-kuntratt ta' impjieg l-attur kellu paga ta' €13,020 fis-sena. Pero' l-qorti trid tqies ukoll awment li hu probabbli li kien ikun hemm fuq firxa ta' 22 sena multiplier.

Is-socjeta` konvenuta tipprevalixxi ruhha mill-Artikolu 240(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tinterponi appell incidentali mill-istess sentenza. Hija titlob li din il-Qorti tilqa' l-appell incidentali taghha u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata sabiex minflok illi ssib lill-konvenuta appellanti incidentalment responsabbli fil-grad ta' sittin fil-mija (60%) ghall-incident *de quo,* issib lill-attur Yordan Shterev unikament responsabbli ghall-istess incident minghajr ebda htija taghha u ghaldaqstant tilqa' l-eccezzjonijiet minnha mressqa, filwaqt li tichad it-talbiet kollha attrici. Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi a karigu tal-istess attur Yordan Shterev.

Rat ir-risposta ta' Yordan Shterev ghall-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta Vassallo Builders Group Limited li permezz taghha talab li din il-Qorti tichad l-appell incidentali, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Rat li d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell rispettiv taghhom quddiem din il-Qorti waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019, meta l-kawza baqghet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

L-attur impjegat bhala *steel fixer* mas-socjeta` konvenuta, kellu incident fuq il-post tax-xoghol tieghu, meta s-sellum li kien qieghed fuqu zelaq u waqa' gholi ta' madwar erba' metri u nofs, bil-konsegwenza li wegga' u sofra dizabilita` permanenti. L-attur jilmenta minn diversi nuqqasijiet fl-operat tas-socjeta` konvenuta f'dak li ghandu x'jaqsam is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema u jattribwixxi l-htija ghall-akkadut unikament fuq is-socjeta` konvenuta.

Min-naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta tichad ir-responsabbilta` ghall-akkadut u konsegwentement tikkontesta t-talba attrici ghall-hlas ta' danni. Tishaq li jispetta lill-attur jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi.

L-ewwel Qorti rriteniet li z-zewg kontendenti fil-kawza kienu responsabbli ghall-akkadut u filwaqt li allokat 60% tar-responsabbilta` fuq is-socjeta` konvenuta, irriteniet li l-attur ukoll kien parzjalment responsabbli ghall-akkadut fil-grad ta' 40 %. Konsegwentement, saret il-likwidazzjoni ta' danni fl-ammont ta' €16,632 u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attur li intavola appell principali, kif ukoll is-socjeta` konvenuta li ressqet appell incidentali flimkien mar-risposta taghha ghall-appell tal-attur.

Fl-appell principali, l-attur iressaq zewg aggravji (A) dak dwar kif giet apporzjonata r-responsabbilta` ghall-akkadut, billi jsostni li l-ewwel Qorti ma kellhiex taddebita lill-attur htija kontributorja ta’ 40% fir-responsabbilta` ghall-incident; u (B) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll fil-likwidazzjoni tal-quantum tad-danni.

Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta tillimita l-appell taghha ghas-sejbien ta’ responsabbilta` taghha fil-grad ta’ 60% ghall-incident in kwistjoni u ssostni li dak li sehh kien unikament attribwibli ghan-nuqqasijiet tal-attur u minghajr ebda htija da parti taghha u ghalhekk qieghda titlob riforma tas-sentenza appellata f’dan is-sens. Inoltre, minghajr pregudizzju ghall-kwestjoni dwar ir-responsabbilta`, hija taqbel interament mal-mod adoperat mill-ewwel Qorti sabiex waslet ghall-eventwali likwidazzjoni ta’ danni subiti mill-attur.

Ladarba l-appell incidentali jittratta t-tema ta’ responsabbilta`, jinhass opportun li f’dan l-istadju jigi l-ewwel trattat l-ilment tas-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment, peress li dan l-appell incidentali jista’ jkollu effett fuq il-grad ta’ responsabbilta` allokata lill-kontendenti rispettivi fil-kawza. Kif appena spjegat, is-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment qieghda tikkontesta s-sejbien ta’ responsabbilta` taghha fil-grad ta’ 60% ghall-incident in kwistjoni u ssostni li dak li sehh kien

unikament attribwibli ghan-nuqqasijiet tal-attur u minghajr ebda htija da parti taghha u ghalhekk qieghda titlob riforma tas-sentenza appellata f'dan is-sens. Hija tikkontendi li kellhom jintlaqghu l-eccezzjonijiet taghha peress li f'dan il-qasam ma ninsabux fil-kamp ta' *strict liability,* kwindi huwa mehtieg mhux biss li jirrizulta li min ihaddem kiser l-obbligu impost fuqu li jipprovdi *a safe system of work* u li jadopera *a high standard of care,* izda trid issir ukoll il-prova tan-ness. Filwaqt li telenka xi principji relattivi ghall-qasam ta' sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol, fejn ir-responsabbilta` tal-imghallem titlob prudenza u ghaqal ta' missier tajjeb ta' familja (kif mahsub fl-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) din ir-responsabbilta` tista' sahansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew sahansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jaghmel jew li m'ghandux jaghmel. Kwindi jehtieg li jsir stharrig mhux biss tal-apparat li bih ikun qieghed jitwettaq ix-xoghol, izda wkoll il-mod kif ikun qieghed jitwettaq ix-xoghol u l-ambjent li fih il-haddiem involut ikun tqieghed jahdem mill-imghallem tieghu.

Is-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment tikkontesta s-sentenza appellata li kkritikat is-sellum uzat fis-sens li ma kellux *slip resistant pads,* ma kienx marbut minn fuq u/jew mill-qiegh ma' xi ankra biex ma jizloqx. Hija tishaq li mill-provi ma rrizultax jekk kienx hemm jew le *slip resistant pads* jew x'differenza kienu ser jaghmlu, ladarba s-sellum kien tal-injam. Tishaq li l-kawza tal-incident ma kienx il-fatt li s-sellum kien monk jew

inadegwat, izda l-problema kienet li m'intuzax kif kellu jintuza. Dan peress li l-attur uza sellum li ma kienx ilahhaq sal-gholi fejn kellu jahdem; pogga s-sellum fuq xi *bricks* fuq it-tavlun ta' fuq l-*iscaffolding*; u naqas li jghid lil siehbu sabiex izomm is-sellum milli jizzerzaq. Filwaqt li tislet siltiet mix-xhieda in atti sabiex tishaq li t-tul tas-sellum li uza l-attur ma kienx bizzejjed sabiex jasal fejn ried, dan kollu, fil-fehma tas-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment, jispjega l-prezenza tal-*bricks* fuq it-tavluna, taht is-sellum, sabiex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas fit-tul tas-sellum maghzul mill-attur. Filwaqt li tislet siltiet mix-xhieda ta' numru ta' impjegati tas-socjeta` konvenuta li xehdu dwar il-prezenza tal-*bricks,* tishaq ukoll dwar is-sogru li ttiehed mill-attur meta huwa naqas ukoll milli jghid lil siehbu sabiex izommlu s-sellum. Dan kollu, is-socjeta` konvenuta appellanti incidentalment tikkontendi li kellu jwassal lill-ewwel Qorti sabiex issib lill-attur unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta' Marzu, 2009.

Trattat l-aggravju wahdieni fl-appell incidentali, huwa ritenut xieraq li din il-Qorti taghmel numru ta' osservazzjonijiet. Ghalkemm din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni li f'dan il-kamp m'ghandux jigi adoperat il-kuncett ta' *strict liability,* kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' April, 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Felix Xerri v. Beechwood Limited:**

> *"Ghar-rigward il-principji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, fil-waqt illi l-gurisprudenza tal-Qrati taghna timponi obbligi severi fuq min ihaddem biex jassigura "a safe environment" fuq il-post tax-xoghol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha necessarji u mehtiega biex tigi salvagwardata l-inkolumita` tal-haddiema tieghu fuq il-lant tax-xoghol, dan ma jwassalx ghall-kuncett ta' 'strict liability' ta' min ihaddem, u l-*

*impjegat li jwegga' fuq ix-xoghol huwa obbligat li jipprova li l-incident sehh b'responsabbilita` ta' min ihaddem. Lanqas ma jista' jinghad li tezisti xi prezunzjoni jew, kif sejhitilha l-ewwel Qorti, "kwazi prezunzjoni", ta' responsabbilita` ta' min ihaddem kull meta jsehh incident li fih iwegga' haddiem. Hu obbligu tal-haddiem li juri u jipprova li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' min ihaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-ligi jew bil-gurisprudenza in subjecta materia."*

Fil-fatt jinghad ukoll li n-negligenza ma tirrizultax biss meta dak li jkun jaghmel xi haga bi traskuragni jew b'non kuranza, izda wkoll meta dak li jkun jonqos milli jiehu l-kawteli opportuni u mehtiega fic-cirkostanzi. Il-htija, kif jghallem ir-**Ricci** (**Corso Teoretico-Pratico di Diritto Civile, Vol. VI p. 13**):

*"…non deriva soltanto dai fatti, ma anche dai non fatti; onde io non solo sono in colpa quando faccio quello che non avrei dovuto fare, ma sono in colpa pur anche quando ometto o trascuro di far cio` che avrei dovuto fare."*

Relevanti f'dan il-kuntest huma d-dmirijiet ta' min ihaddem elenkati fl-Artikolu 6(2) tal-Kap. 424 (Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol), li jipprovdi ghall-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem sabiex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol, li ghandhom jittiehdu fuq il-bazi ta' dawn il-principji generali ta' prevenzjoni:

*"(a) li jiġi evitat riskju;*

*"(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*"(c) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

***"(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;***

***"(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż bdak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;***

*"(f) billi tingħata priorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*"(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*"(h) billi wieħed jadatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*"(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Applikati dawn il-kriterji rizultanti mill-provvediment tal-ligi ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta gustament investiet f'*Health and Safety Plan,* (ara Dok. HSP1 a fol. 136 *et seq* tal-process) rilevanti huwa r-riskju identifikat minnha minn qabel koncernanti s-slielem, senjatament *"Falls from ladders that are not secured, incorrectly used and not of adequate heights*", kif ukoll il-mizuri li kellhom jittiehdu u li gew identifikati fl-istess pjan:

- *"Regular inspection of ladders*
- *"Ladders should be either of wood or aluminium profiles*
- *"Ladders shall always be 1m in length more than the height needed.*
- ***"Ladders shall be secured/anchored to prevent slipping.***

- *"Ladders shall always rest on secure ground and must rest against a solid surface. …*

- ***"Ladders of not more than 2 metres shall be tied to the scaffolding so as not to slip, and provide access to scaffolds and working platforms."*** (enfasi mizjuda minn din il-Qorti)

Minn qari semplici ta' dawn il-mizuri, huwa al kwantu car li s-socjeta` konvenuta naqset milli tosserva whud mill-obbligi imposti fuqha bil-ligi, fosthom li tikkontrolla r-riskji li ma jistghux jigu evitati u li tiehu l-mizuri necessarji biex jitnaqqas ir-riskju f'post li ufficjali tal-istess socjeta` konvenuta identifikaw bhala riskjuz. Kwindi lil hinn mid-dubji dwar jekk l-attur ghamilx uzu minn *bricks* sabiex jilhaq it-tul mehtieg rizultanti mix-xhieda konfliggenti riskontrata mill-ewwel Qorti, in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tassigura li s-slielem li kienu jinsabu fuq is-sit kienu marbuta b'tali mod li jigi evitat iz-zlieq u li l-mizuri elenkati minnha stess jigu ezegwiti sabiex jigu evitati l-incidenti, huwa tali li jirradika responsabbilta` fuq l-istess socjeta` konvenuta. Altru li jirrizulta n-ness bejn in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta u l-incident li sehh.

Kif inghad diversi drabi mill-Qrati taghna, min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' perikolu u riskju ghas-sahha tal-haddiem. Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-20 ta' April, 2007, fil-kawza fl-ismijiet **Mayer Scicluna v. TN Waterproofing Limited:**

> *"Jekk mhux dejjem ikun possibbli li s-sit jigi invistat qabel ma jintbaghtu l-haddiema, min ihaddem ghandu, mal-haddiema tieghu, jibghat*

> *supervisor tal-esperjenza biex jara li s-sit fejn ikun se jahdmu l-haddiema ikun safe. Hu presumibbli li f`sit ta` kostruzzjoni jkun hemm debris u imbarazz mixhud 'l hawn u 'l hinn, u hu obbligu ta` min ihaddem biex jaghmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal, li jaqghu fiha l-haddiema u li hafna drabi hi indotta mill-istess natura tal-attivita` industrijali ("Grech vs Farrugia noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta` Dicembru, 1994). Kif intqal drabi ohra "employees tend to get careless about risks involved in their daily work", u hu l-obbligu ta` min ihaddem li jikkawtela kontra dan ("Schembri vs Caruana noe", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-12 ta` Jannar, 1983)."*

Kwindi ladarba s-socjeta` konvenuta naqset mid-dover taghha li tassikura li l-lant tax-xoghol kien wiehed sigur ghall-haddiema taghha, fattur li certament kien determinanti ghall-incident in kwistjoni, din il-Qorti ma tara ebda raguni li tirriforma s-sentenza appellata. Konsegwentement l-appell incidentali ma jixraqlux li jintlaqa' u ser jigi michud.

Fuq l-istess tema ta' responsabbilta`, l-attur appellant principalment isostni li r-raguni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex gie akkollat 40% tar-responsabbilta`, kienet li naqas li jghid lil siehbu Dimitar Grigorov biex izommlu s-sellum qabel ma beda jitilghu. Jishaq li dan fih innifsu ma setax jitqies bhala fattur determinanti ghar-responsabbilta` tal-incident jew kontributorju ghalih, izda li kien mehtieg li jigi stabbilit li dan l-allegat nuqqas tal-esponent kien element determinanti li pprovoka l-incident u li jitqies bhala l-kawza prossima tal-incident. Jinsisti li kien jispetta lis-socjeta` konvenuta li tipprovdi "*a safe system of work which eliminated a risk of injury*" u jiccita gurisprudenza in sostenn ta' dan il-principju. Filwaqt li jelenka mill-gdid in-nuqqasijiet da parti tas-socjeta` konvenuta

riskontrati mill-ewwel Qorti, jinsisti li kienu dawn in-nuqqasijiet flimkien mal-pressjoni ta' xoghol u nuqqas li s-socjeta` konvenuta li tipprovdi *safety harness* lill-impjegati li wassal ghall-akkadut u mhux in-nuqqas ta' terz li jzommlu s-sellum.

Fi kwalunkwe kaz, l-attur appellant isostni li l-grad ta' responsabbilta` allokata lilu ta' 40% kien wiehed eccessiv, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz u jiccita gurisprudenza fis-sens li fejn impjegat m'ghamilx uzu minn *safety belt* provdut lilu minn min jimpjegah wasal ghal addebitu ta' responsabbilta` ta' 20% lill-impjegat.

Jibda billi jinghad li ghal dak li huwa apprezzament ta' fatti, din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells et noe**). Din il-Qorti tintervjeni biss jekk tirradika fiha l-fehma li l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni bazata fuqu tkun qed issir ingustizzja lejn xi parti. Izda, din il-Qorti, anke bhala Qorti ta' revizjoni, xorta ghandha tezamina l-provi kollha akkwiziti, sabiex tistabbilixxi jekk il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kinitx wahda li dik

il-Qorti setghet ragjonevolment tasal ghaliha mill-provi fid-dawl tal-ligijiet u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materja.

Jigi osservat li wara li rat l-atti kollha tal-kawza bir-reqqa, tqis li l-ewwel Qorti kellha ragun meta sahqet li huwa d-dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu, kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affetwati bix-xoghol li jkun qieghed isir. Dan id-dmir huwa sancit f'provvediment tal-ligi stess (ara Artikolu 7 tal-Att dwar l-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xoghol – Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta). Huwa risaput li l-haddiem jista' jkun mizmum responsabbli ghal incident jekk ma jimxix mal-ordnijiet tal-principal senjatament jekk ghamel xi haga specifikament kontra dawk l-ordnijiet. Il-haddiema ma jistghux jinsew li huma ghandhom l-obbligi wkoll li jaraw li jaghmlu uzu mill-ilbies protettiv, jew apparat provdut lilhom kif suppost u li mhux qed jissottomettu lilhom infushom ghal xi periklu esagerat. Huma ghandhom l-obbligu li ma jihdux riskji zejda u li jinfurmaw lill-imghallem taghhom jekk ihossu li hemm xi periklu sproporzjonat. M'ghandhomx jaghmlu xoghol bil-ghaggla li jista' jwassal ghall-korriment taghhom jew tal-kollegi fuq ix-xoghol.

Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' April, 2017, fil-kawza fl-ismijiet **Maurice Fenech et pro et noe v. Jacksons Company Limited et:**

"Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Sammut v. Clamus Holding Limited (27 ta' Settembru 2012 – konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-principju fl-2016) ezaminat din il-kwistjoni fil-fond u ghamlet dawn l-osservazzjonijiet eruditi li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament;

"*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il- ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb jew tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il- ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha;*

"*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ- ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria;*"

Jinsab affermat illi "*meta jkun hemm htija kontributorja da parti tad-danneggat, huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabbilixxi l-proporzjon li fiha huwa kkontribwixxa ghal, jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjant jew danneggjanti jkunu kkagunaw id-dannu b'semplici kolpa jew anke b'dolo, minghajr ebda regola prestabbilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu*" (Joseph Galdes v. Victor Micallef, Appell Civili, 20 ta' Jannar

> 1964, a Vol. XLVIII P I p 59); (David Scerri v. Anthony Scerri et, 3 ta' Ottubru 2003, Prim'Awla).
>
> "*F'sitwazzjoni bhal din jinstab stabbilit illi fejn tirrizulta htija kontributorja huwa dejjem imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tistabilixxi hi skond iċ-cirkostanzi tal-kaz il-proporzjon tar-responsabilita`. U fejn din ma tistax tigi maqsuma b'certezza ghandha tigi diviza ugwalment.*"
>
> (Ara Kollezz Vol XLVIII p I p 59). (Fenech v. Montebello, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2003)."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ssib li r-ragunament tal-ewwel Qorti fil-konfront tal-kontributorjeta` tal-attur ghandu mis-sewwa, mhux biss ghall-fatt li s-sens komun kien jitlob li l-attur jitlob lil siehbu li jzommlu s-sellum sakemm jitla', izda sahansitra l-fatt li din il-Qorti ghandha dubju kemm it-tul tas-sellum li kien qieghed jaghmel uzu minnu l-attur kien adegwat ghall-gholi li kien jehtieg li jitla'. Huwa pjuttost logiku li wiehed iqis l-gholi tas-sellum ghax-xoghol intrapriz, kif ukoll li ladarba *ex admissis* kien hemm iz-zlieq minhabba x-xita, li wiehed jiehu l-prekawzjoni bazika li jitlob lil siehbu assistenza sabiex jilqa' ghal perikolu.

Din il-Qorti qieset li mix-xhieda in kontro-ezami tal-attur, waqt is-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2011, jirrizulta li x-xoghol li kellu jwettaq l-attur kien *shuttering* li kellu jsir minn certu gholi, kif ukoll li l-haddiema kellhom a dispozizzjoni taghhom numru ta' slielem differenti ta' qisien differenti. Konsidrat li minhabba l-gholi involut kellu jsir *scaffolding* u li l-attur ghamel uzu mis-sellum li kien hemm fuq l-imsemmi *scaffolding*, ghalkemm l-attur jghid li s-sellum in kwistjoni kien madwar 2.5 metri, jikkoncedi "*Maybe it*

*was about 2 metres*". Minn Dok. RV 7 jirrizulta li slielem tas-*shutters* kienu fabbrikati f'zewg qisien, dawk ta' 2 metri u dawk ta' 3.4 metri. (Sakemm ma kienx qieghed isir uzu minn sellum tal-bennejja li jvarjaw aktar fil-qisien - ara Dok. RV7). Issa fi kliem ix-xhud Dimitar Grigorov, ix-xoghol li kellhom jaghmlu kien:

> "*This slab is on level two (2) which is four (4) metres above groundfloor and three (3) metres above level one (1). To go from one level to another we need to use a ladder which is not a fixed ladder but one that you move yourself from one place to another*"

Huwa altru evidenti li sellum ta' zewg metri jew zewg metri u nofs ma' seta' qatt ilahhaq sew mal-gholi ta' tliet metri. Kwindi din il-Qorti tqis li lanqas kien qieghed isir uzu minn sellum adegwat ghax-xoghol mehtieg u kien jispetta lill-attur jitlob li jinghata sellum ta' qies adegwat, li jirrizulta li kien disponibbli ghall-haddiema, sabiex jevita riskju bla bzonn.

Konsidrat dan kollu, din il-Qorti tinsab konvinta li l-agir tal-attur kien negligenti li certament ikkontribwixxa ghall-incident li garrab u ma tqisx xieraq li tbiddel dak deciz mill-ewwel Qorti. Inoltre, kif inghad qabel fis-sentenza ta' din il-Qorti ta' **Fenech v. Jacksons Company Limited,** lanqas ma tara li hemm xi raguni li jwassalha biex tvarja dak deciz mill-ewwel Qorti dwar il-grad ta' responsabbilta` allokata fuq iz-zewg kontendenti fil-kawza.

Jonqos li jigi trattat it-tieni aggravju tal-attur appellant principalment, dak li jittrattta l-likwidazzjoni tad-danni. Filwaqt li l-attur jaqbel mas-sentenza li f'dan il-kaz ma kienx hemm talba ghal *damnun emergens,* jikkontesta l-*quantum* ta' danni likwidati bhala *lucrum cessans.* Dan peress li ma jaqbilx mal-*multiplier* adoperat mill-ewwel Qorti ta' 22, la mat-tnaqqis ta' 16% u lanqas mar-rata ta' debilita ta' 10%, u la mal-*average* tal-paga li hadmet l-ewwel Qorti u l-fatt li naqset li tiehu konsiderazzjoni tas-sahra.

Fir-rigward tal-*multiplier* hu assodat fil-gurisprudenza taghna li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler v. Peter Christopher Heard** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 1967 (Kollez Vol: L1.i.488), li tat origini ghalhekk imsejha *multiplier system* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti. (Ara per ezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru ,1983, u **Emanuel Mizzi v. Carmel Attard** deciza fit-13 ta' Mejju, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2006). Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Huwa ritenut ukoll li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra, li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel l-incident. Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara

sentenza **Mifsud v. Camilleri** citata qabel) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-*multiplier* f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument tal-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Il-kuncett ta' *chances and changes of life*, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-*working life expectancy* m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-*multiplier*. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza **Francis Gauci v. Jimmy Bugeja**, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet **Anthony Turner et v. Francis Agius et** deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-*multiplier:*

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."* (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).

Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood** fil-ktieb **Modern Tort Law** (**ediz. 2009, pagna 438):**

> *"Deductions may also be made by adjusting the multiplier downwards to allow for certain future contingencies. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystall ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future*."

Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti **Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et,** deciza fl-24 ta' Gunju, 2016, inghad ukoll illi:

> "*F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes of life u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward. Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni*."

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ghalkemm hija ben konxja tal-fatt li l-hajja lavorattiva qieghda dejjem tizdied, izda, min-

naha l-ohra, meta tikkonsidra l-element tac-*chances and changes in life*, li minn dejjem gie kkonsidrat bhala parti integrali mill-komputazzjoni tal-hsara, tara li multiplier ta' 22 adoperat mill-ewwel Qorti ghall-kaz in ezami, fejn l-attur appellant kellu 35 sena meta sehh l-incident, huwa wiehed gust u ekwu.

Fir-rigward tat-tnaqqis ta' 16% bhala *lump sum payment,* skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd**. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:

> "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemmhlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

Dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi intavolta l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident kif jikkontendi l-attur appellant. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2010, ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-persentagg adoperat mill-ewwel Qorti meta nghatat is-sentenza in prim'istanza, konsidrat il-fatt li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz wara disa' snin, tqis opportun li dan il-persentagg ta' tnaqqis jigi rivedut ghal 6%.

Dwar ir-rata ta' debilità, jigi osservat li kif inghad minn **Morris L.J. f'Scott v Musial**:

> *"The fixation of damages is so largely a matter of opinion or of impression that differences of calculation or assessment are to be expected. There is to some extent an exercise of judicial discretion."*

F'dan il-kaz il-perit mediku appuntat mill-ewwel Qorti ta zewg xenarji, dak fejn jinghad li l-attur qieghed isofri minn dizabilita` permanenti ta' 15%, izda ladarba jaghmel l-operazzjoni **jekk din tkun success** dan il-persentagg jista' jinzel ghal 5%. Kwindi konsidrat il-possibilita` li jkun hemm ammeljorament fil-kondizzjoni tal-attur, izda tenut kont li sal-lum il-gurnata ghada ma saritx l-operazzjoni, din il-Qorti ma tara xejn hazin fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li tadotta medja ghall-fini ta' dan l-ezercizzju. Wara kollox it-tabib inkarigat mill-istess attur kien wasal ghal din ir-rata ta' 10%. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa pjuttost inkongruwu l-argument da parti tal-attur appellant li ressaq ir-rapport *ex parte* tal-espert inkarigat minnu stess Frederick Zammit Maempel, li wasal ghall-konkluzjoni li d-debilita` permanenti tal-attur hija wahda ta' 10%, li issa qieghda tigi attakkata mill-istess attur. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti ma tara li hemm ebda raguni sabiex tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

Fir-rigward tal-ilmenti tal-attur appellant fil-konfront tal-paga adoperata u s-sahra eskluza mill-ewwel Qorti ghall-fini tal-komputazzjoni ta' danni, tajjeb li jigi osservat li dawn il-Qrati dejjem agixxew b'kawtela meta gew biex jikkonsidraw hlasijiet zejda fuq il-paga u s-sahra. Din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-rigward taz-zieda adottata mill-ewwel Qorti fil-kaz tal-paga, izda fil-kaz tas-sahra ghalkemm huwa minnu li s-sahra mhux garantit, jinhadem skont il-htiega tal-principal u li l-attur kien ilu biss ftit xhur fl-impjieg tieghu mas-socjeta` konvenuta, din il-Qorti tqis relevanti wkoll is-sentenza taghha tal-25 ta' Frar, 2005, fil-kawza fl-ismijiet **Godfrey Buhagiar v. Malta Shipbuilding Company Limited,** fejn inghad:

> "*Dan il-punt kien suggett li gie investit f'decizjoni recensjuri moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet: "Robert Camilleri –vs– Malta Shipbuilding Company Limited et" (Citaz. Nru 1766/98), deciza fil-24 ta' Settembru 2004, u billi din il-Qorti ghadha thaddan l-istess konvinzjoni kif hemm espressa, jidhrilha li l-ammont mehud bhala bazi mill-ewwel Qorti taht dan l-aspett ghandu jigi varjat minn kif deciz mill-ewwel Qorti. Fi kliem iehor, tenut kont tal-possibilita` reali ta' fluttwazzjonijiet fil-kondizzjonijiet tax-xoghol darba li qeghda hawn issir projezzjoni mifruxa fuq perijodu twil ta' 25 sena, l-introjtu medju ta' l-attur ghandu jinhadem fuq is-salarju percepibbli minnu bl-addizzjoni ta' hamsin fil-mija (50%) tal-hlasijiet tas-sahra li wiehed jistenna li kien ser jircievi. Fost diversi konsiderazzjonijiet fis-sentenza surreferita, din il-Qorti rriteniet ukoll hekk:*
>
> *"Fil-fatt hija jidhrilha li biex issir gustizzja l-ammont f'"overtime' u f'"allowances' kellu jinghata, jew ahjar jigi kkalkulat, fuq bazi ta' hamsin fil-mija (50%) fuq l-ammont totali. Dan ghaliex min-naha 'l wahda m'huwiex gust, kif zbaljatament argumentat is-socjeta` appellanti, li ladarba tali hlas mhux parti integrali mal-paga allura ma kien dovut qatt u f'ebda ammont; u min-naha l-ohra, lanqas ma huwa gust li jitqies li dawn il-hlasijiet ta' 'overtime' u 'allowances' huma dovuti bid-dritt u bla interruzzjoni minghajr il-possibilita` ta' fluttwazzjoni jew varjazzjonijiet minn sena ghal ohra...."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, konsidrata z-zieda sostanzjali fil-qasam tal-bini, din il-Qorti ma tarax bhala inverosimili l-possibilta` li l-attur kien ser jibqa' jitqabbad jahdem is-sahra fuq bazi regolari. Ghalkemm mill-kuntratt esebit in atti jirrizulta li l-attur kien ilu xahar impjegat mas-socjeta` konvenuta, effettivament mid-dokumenti esebiti mill-attur, jirrizulta li l-attur kienu ilu mpjegat madwar tliet xhur mas-socjeta` konvenuta u li f'dawn it-tliet xhur kien ghamel qliegh mill-overtime ta' €530.54, li jsarraf f'€176.85 fix-xahar, ekwivalenti ghal €2,122.16 fis-sena. Kwindi ghall-fini tal-komputazzjoni tad-danni ghandu jizdied nofs dan l-ammont, jigifieri €1061.08, mal-paga adoperata mill-ewwel Qorti (€15,000) sabiex b'hekk il-figura li ghandha tintuza ghall-fini tal-komputazzjoni ghandha tkun ta' €16,061.08.

Ghalhekk il-*lucrum cessans* dovut lill-attur ghandu jigi rivedut kif gej:

€16,061.08 x 22 sena=€353,343.76 x 10% = €35,334.38 – 6%= €33,214.32

€33,214.32 x 60% = €19,928.59.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell principali tal-attur Yordan Shterev billi tilqghu *in parte* sabiex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li d-danni likwidati bhala *lucrum cessans* ghandhom

ikunu fl-ammont ta' dsatax-il elf, disa' mija u tmienja u ghoxrin ewro u disgha u hamsin centezmu (€19,928.59), b'dan illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza. Tiddisponi mill-appell incidentali tas-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess.

Bl-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, l-ispejjez tal-appell principali jinqasmu nofs bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-kontendenti fil-kawza, filwaqt li l-ispejjez tal-appell incidentali jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm